**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**(Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud - Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 107/2020VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 16 ta' Jannar 2023**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fis-26 ta' Novembru 2020 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li t-tlett stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammonti mitluba fihom ġew debitament imħallsa; (ii) jordna r-revoka ta' l-imsemmija tlett stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (iii) jiddikjara li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18 fl-ammont komplessiv ta' €3,765.28, konsistenti f'aġġustament fl-ammont ta' €3,137.73 u taxxa amministrattiva fl-ammont ta' €627.55, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi teċċedi dak li huwa realment dovut; (iv) jordna korrezzjoni fl-imsemmija stima għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18, fis-sens li l-aġġustament favur l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ammont ta' €3,137.73 jiġi ridott għal €224.55; (v) jordna konsegwentement li t-taxxa addizzjonali fl-ammont pretiż ta' €627.55 tiġi ridotta għal ammont li jkun relattiv għall-aġġustament rivedut u mitlub ta' €224.55; (vi) jordna finalment korrezzjoni fl-ammont totali dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi li jkun jirrifletti l-aġġustament premess u rivedut ta' €224.55 magħduda miegħu t-taxxa amministrattiva relattiva, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "K1" a fol. 4 sa' 16 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.10.18-31.12.18, 01.01.19-31.03.19, 01.04.19-30.06.19 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija stimi jiġu ikkonfermati stante li: (i) in linea preliminari, l-appell tar-Rikorrent huwa rritu u null in kwantu

tardiv; (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-istimi in kwistjoni huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Għalkemm *taxpayer* jissottometti d-denunzja/denunzji tat-taxxa tiegħu, kif obbligat li jagħmel ai termini tal-Liġi, il-Kummissarju tat-Taxxi ma huwiex prekluż milli jivverifika d-denunzja/denunzji tat-taxxa hekk sottomessi. In oltre d-dritt ta' kreditu għal Input Tax ma huwiex dritt awtomatiku tat-taxpayer iżda huwa regolat bil-Liġi u d-dokumentazzjoni provduta in sostenn ta' tali kreditu għandha tkun konformi ma' dak provdut fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi markati Dokk. "A" sa' Dok. "E2" a fol. 26 sa' 44 tal-proċess;

Ra li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2021[1], il-partijiet kontendenti qablu li in vista ta' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal għandu jittratta u jiddeċiedi tali eċċezzjoni qabel ma jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu. Ra li waqt l-imsemmija seduta ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi, limitatament għall-eċċezzjoni tat-tardività sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi, b'dana li jibda bil-provi l-ewwel l-imsemmi Kummissarju tat-Taxxi;

Sema' x-xhieda ta' Roderick Zammit Randich, in rappreżentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2021[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu flimkien markati Dok. "RZR" a fol. 52 sa' 59 tal-proċess, ra' l-affidavits ta' Matthias Cortis, Nathalie Cortis u ta' l-Avukat Dr. Kenneth Cutajar markati rispettivament Dok. "MC", Dok. "NC" u Dok. "KC", esebiti mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Mejju 2021 a fol. 65 sa' 69 tal-proċess u ra d-dokument anness ma' l-affidavit ta' l-Avukat Dr. Kenneth Cutajar markat Dok. "KC1" a fol. 70 tal-proċess, ra d-dokument, ossia envelope markat Dok. "N1", esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fit-3 ta' Mejju 2022 a fol. 84 u 85 tal-proċess, sema' x-xhieda ta' Carmen Scerri Lauri, in rappreżentanza ta' Maltapost p.l.c., mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2022[3] u ra d-dokument esebit minnha markat Dok. "MP" a fol. 83 tal-proċess;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju tat-Taxxi[4] relattiva għall-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell sollevata minnu u ra n-Nota Responsiva tar-Rikorrent ukoll relattiva għall-imsemmija eċċezzjoni tat-tardività sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi[5];

Ra n-Nota ppreżentata mill-Kummissarju tat-Taxxi fit-12 ta' Jannar 2023 a fol. 110 u 111 tal-proċess;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidra:**

Permezz ta' erba' stimi maħruġa għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.10.18-31.12.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19[6], il-Kummissarju tat-Taxxi jesiġi ħlas mingħand ir-Rikorrent tas-somma komplessiva ta' €5,168.95 rappreżentanti taxxa,

[1] Fol. 51 tal-proċess.
[2] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[3] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess
[4] Fol. 90 sa' 100 tal-proċess.
[5] Fol. 103 u 104 tal-proċess.
[6] Dok. "E1" a fol. 40 sa' 43 tal-proċess.

flimkien mas-somma komplessiva ta' €1,033.80 rappreżentanti taxxa amministrattiva, flimkien b'kollox ammontanti għal **€6,202.75**.

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bil-ħruġ ta' l-imsemmija stimi fil-konfront tiegħu u interpona appell minnhom għal quddiem dan it-Tribunal permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal: (i) jiddikjara li t-tlett stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammonti mitluba fihom ġew debitament imħallsa; (ii) jordna r-revoka ta' l-imsemmija tlett stimi maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi; (iii) jiddikjara li l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18 fl-ammont komplessiv ta' €3,765.28, konsistenti f'aġġustament fl-ammont ta' €3,137.73 u taxxa amministrattiva fl-ammont ta' €627.55, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi teċċedi dak li huwa realment dovut; (iv) jordna korrezzjoni fl-imsemmija stima għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18, fis-sens li l-aġġustament favur l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ammont ta' €3,137.73 jiġi ridott għal €224.55; (v) jordna konsegwentement li t-taxxa addizzjonali fl-ammont pretiż ta' €627.55 tiġi ridotta għal ammont li jkun relattiv għall-aġġustament rivedut u mitlub ta' €224.55; (vi) jordna finalment korrezzjoni fl-ammont totali dovut lill-Kummissarju tat-Taxxi li jkun jirrifletti l-aġġustament premess u rivedut ta' €224.55 magħduda miegħu t-taxxa amministrattiva relattiva.

Huwa jibbaża l-appell tiegħu mill-istimi maħurġa kontrih għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.10.18-31.12.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 fuq is-segwenti aggravji: (i) l-ammonti pretiżi mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' l-istimi maħurġa fit-28 ta' Settembru 2020 għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19, in segwitu għall-ħruġ ta' stimi proviżorji għall-istess perijodi ta' taxxa fil-31 ta' Lulju 2007, ġew kollha mħallsa fid-9 ta' Settembru 2020 skond l-irċevuti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A", "B" u "C"[7]; (ii) mill-ammont pretiż mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' l-istima maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18, huwa biss l-ammont ta' €224.55 li ma kienx dovut lilu bħala kreditu għal Input Tax u għaldaqstant tali ammont hekk pretiż mill-Kummissarju għandu jonqos minn €3,137.73 għal €224.55, bit-taxxa amministrattiva relattiva tonqos ukoll.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.10.18-31.12.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija stimi jiġu kkonfermati stante li: (i) in linea preliminari, l-appell tar-Rikorrent huwa rritu u null in kwantu tardiv; (ii) fil-mertu, l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-istimi in kwistjoni huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt. Għalkemm *taxpayer* jissottometti d-denunzja/denunzji tat-taxxa tiegħu, kif obbligat li jagħmel ai termini tal-Liġi, il-Kummissarju tat-Taxxi ma huwiex prekluż milli jivverifika d-denunzja/denunzji tat-taxxa hekk sottomessi. In oltre d-dritt ta' kreditu għal Input Tax ma huwiex dritt awtomatiku tat-taxpayer iżda huwa regolat bil-Liġi u d-dokumentazzjoni provduta in sostenn ta' tali kreditu għandha tkun konformi ma' dak provdut fit-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta.

[7] Fol. 4 sa' 6 tal-proċess.

Permezz ta' Nota ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2023[8], il-Kummissarju tat-Taxxi ikkonferma li l-ammonti indikati fl-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrenti għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19, ġew effettivament imħallsa mir-Rikorrent u li għaldaqstant il-pretensjoni tiegħu fil-konfront tar-Rikorrent hija għas-somma ta' €3,765.28 rappreżentanti t-taxxa u taxxa amministrattiva mitluba bl-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18. Madanakollu però l-istess Kummissarju għadu qed jinsisti fuq l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrent.

Il-partijiet kontendenti qablu li t-Tribunal jittratta u jiddetermina l-eċċezzjoni preliminari tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi qabel ma jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu. Għaldaqstant, b'din id-deċiżjoni ser tiġi trattata u deċiża l-eċċezzjoni preliminari tat-tardività ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ai termini tal-Partita 2 tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, appell minn stima/stimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' *taxpayer* għandu jiġi intavolat entro t-terminu ta' *tletin ġurnata mid-data tan-notifika ta' l-avviż li kontrih isir l-appell.*

Ai termini ta' l-Artikolu 72(3) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta, *kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta. …*

Mix-xhieda ta' Roderick Zammit Randich mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Frar 2021[9], jirriżulta li l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-30.09.18, 01.10.18-31.12.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 inħarġu għan-notifika lill-imsemmi Rikorrent permezz tas-servizz postali, tramite però posta reġistrata, hekk kif jirriżulta mill-Advice of Receipt - Registered Mail relattiva[10]. Minn din l-AR Card jirriżulta li għall-istimi in kwistjoni iffirma Matthias Cortis, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0223905(L), li mill-provi prodotti mir-Rikorrent stess jirriżulta li huwa iben ir-Rikorrent u li fiż-żmien in kwistjoni kellu ħmistax-il sena.

Ai termini tar-Regolament 33 tar-Regolamenti dwar Servizzi Postali (Ġenerali), Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, *mal-kunsinna ta' oġġett postali reġistrat, l-indirizzat, ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu għandu, sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet kuntrarji lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jagħti riċevuta tiegħu bil-miktub lill-providtur tas-servizz universali; Iżda meta dik ir-riċevuta ma tingħatax, l-oġġett postali għandu jitqies li ma jkunx ġie kunsinnat.* It-Tribunal iżid josserva li ai termini ta' l-Artikolu 187(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament ta' l-ewwel proviso ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi,

---

[8] Fol. 110 u 111 tal-proċess.
[9] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[10] Fol. 52 tal-proċess.

notifika ta' skrittura ma tistax titħalla f'idejn persuna ta' eta' ta' inqas minn erbatax-il sena.

Fid-dawl tal-fatt li l-istimi tqassmu bil-posta reġistrata, tħallew f'idejn iben ir-Rikorrent, li fiż-żmien in kwistjoni kellu ħmistax-il sena, għandu jsegwi li n-notifika ta' l-istimi mertu ta' dawn il-proċeduri lir-Rikorrent kienet waħda legalment valida u korretta. L-imsemmija stimi ġew notifikati fl-**24 ta' Ottubru 2020** - hekk kif jirriżulta mill-AR Card a fol. 52 tal-proċess - u ladarba n-notifika kienet waħda valida, it-terminu ta' tletin ġurnata għall-preżentata ta' appell mill-istimi in kwistjoni beda jiddekorri minn dakinhar u skada nhar **it-Tnejn 23 ta' Novembru 2020**. L-appell odjern però ġie ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2020 u għaldaqstant isegwi li bħala fatt ġie ntavolat tardivament.

Matthias Cortis però jikkontendi li għalkemm huwa ffirma dokument li għaddietlu l-pustiera fl-24 ta' Ottubru 2020, huwa rritornalha dak id-dokument u lilu ma ħallietlu xejn. Fir-rigward, fl-affidavit[11] tiegħu Matthias Cortis jiddikjara *b'referenza għal dan l-appell ta' missieri u partikularment b'referenza għad-dokument Advice of Receipt - Registered Mail, jien nikkonferma li qed nagħraf il-firma tiegħi kif ukoll ismi b'ittri kbar u n-numru tal-karta ta' l-identità miktuba minni stess. Niftakarni niffirma dan id-dokument wara li għaddituli l-pustiera fid-dar tal-ġenituri. Dan id-dokument juri li jiena ffirmajtu fl-24 ta' Ottubru 2020, li ħabat is-Sibt u niftakar sew bla ebda dubju li filwaqt li għaddejtu lura lill-pustiera wara li ffirmajtu, hija f'ebda ħin la qabel il-firma u lanqas wara ma għaddielti xi 'envelope" li għandu x'jaqsam ma' dak li iffirmajt għalih. Ma tatni xejn.*

Nathalie Cortis, mart ir-Rikorrent, tikkontendi li kienet hi li fit-28 ta' Ottubru 2020 ġabret l-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' żewġha, mill-uffiċju postali ta' Ħaż-Żebbuġ. Fl-affidavit[12] tagħha tiddikjara li *jiena nieħu ħsieb il-karti li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' żewġi r-rikorrent XXX, partikolarment rigward xogħolu part-time ta' trobbija ta' flieles li huwa ibiegħ bħala tiġieġ għall-qatla. Fir-rigward ta' dak li għandu x'jaqsam mal-VAT u ħwejjeġ oħra relatati ma' l-imsemmi xogħol, minn Lulju ta' l-2019, bdejna ninqdew bis-servizzi ta' l-Avukat Kenneth Cutajar. Għar-rigward ta' dan l-appell ta' żewġi, jien kont ġbart l-ittra indirizzata lilu datata 19 ta' Ottubru 2020 tal-Kummissarju tat-Taxxi, bl-erba' "Stimi ta' VAT" maħruġa fit-28 ta' Settembru 2020, mill-uffiċċju tal-Posta f'Ħaż-Żebbuġ. Li rrid nenfasizza hu li dawn il-karti jiena żgura li ġbarthom mill-Posta nhar l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020.*

Dak affermat minn Matthias Cortis u Nathalie Cortis ġie kontradett minn Carmen Scerri Lautier, in rappreżentanza tal-Maltapost, illi fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2022[13], għall-mistoqsa *huwa possibbli mill-esperjenza tagħkom illi pustiera tmur b'dokument, tgħaddi l-advice slip u jiġi ffirmat l-advice slip, però d-dokument ma jingħatax lill-individwu u jinġabar at some later date mill-uffiċċju tagħkom kif qed tgħid Nathalie Cortis* wieġbet *le qed naraha kemmxejn stramba għar-raġuni illi l-AR tkun imwaħħla bl-istapler. Jiġifieri mela jiena se nagħtik l-envelope, ħa tiffirmali fuq l-isticker, ħa iddawraha u ħa tiffirma fuq l-AR, jien ħa neħodlok l-AR - li hija l-pink card - u l-isticker u l-envelope se tibqa' għandek u m'għandix għalfejn inżomm l-envelope la inti iffirmajtli għalih. Jekk inti ma ffirmajtlix għalih, le. Imma f'dan il-każ partikolari,*

---

[11] Dok. "MC" a fol. 66 u 67 tal-proċess.
[12] Dok. "NC" a fol. 68 tal-proċess.
[13] Fol. 86 sa' 88 tal-proċess.

*infatti ġejt naqra fid-dubju rigward is-sinjura fejn qed tgħid "mort għalih fit-28", l-envelope in partikolari din ir-reġistrata fejn qed nara li vera hawn l-AR card, ġiet imqassma fl-24, jiġifieri anke fit-track and trace, fl-24 tidher imqassma. … Aħna ovvjament nimxu bir-registration number minħabba d-data protection u ma nistgħux inżommu l-ismijiet tan-nies. Mela meta jiena se mmur infittex fuq dak in-numru tar-reġistru li tajtuni l-RR418960993MT, dak jidher li lanqas biss resaq lejn l-uffiċju postali ta' Ħaż-Żebbuġ. Mela malli ħareġ għat-tqassim, dan mar bih il-pustier first attempt jiġifieri għand il-klijent, ħabbat, min fetaħ iffirmalu, taħ l-envelope, taħ l-isticker u f'dan il-każ kien hemm l-AR għax ovvjament aħna ma nkunux nafu li hemm l-AR għaliex dik hija additional information illi really and truly m'għandniex bżonn inkunu nafu għax dik hija additional service u l-każ ingħalaq hemmhekk jiġifieri hemm a total normal delivery. Infatti anke meta fit-taħrika rajt semmejtuli t-28, jiena ċertu domandi għamilthom għaliex dik tqassmet jiġifieri kieku se mai l-envelope, ejja nieħdu eżempju illi l-envelope telaq il-branch, il-counter, il-klijent irid juri avviż. … mhux se mmur jien "Għandek xi ħaġa għal Carmen Scerri Lautier?" u nitlaq. Mingħajr ma nuri l-avviż, mhu se nieħu xejn. Issa jekk jien se noħroġ dak l-avviż bħala pustier, dak se jiġi skenjat fil-proċess tas-sistema tat-track and trace fejn jien se ngħid għalfejn ħriġt l-avviż jew għall-argument "client not at home" jew whatever. Anke jekk jiġi refused per eżempju, aħna nġiegħlu lill-klijent jiffirma li hu irrifjutah, niktub li huwa refused imbagħad f'dak il-każ imur 'return to sender'. Jiġifieri tat-28 qed naraha naqra stramba sakemm mhux qed talludi forsi għal xi reġistrata oħra għax it-track and trace* - esebita bħala Dok. "MP" a fol. 83 tal-proċess - *tidher tqassima normali fl-24.*

Mix-xhieda ta' Carmen Scerri Lautier jirriżulta ferm evidenti li dak affermat minn Matthias Cortis u minn Nathalie Cortis ma huwiex minnu. L-istimi maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent ġew debitament notifikati fl-24 ta' Ottubru 2020 u għaldaqstant l-appell mill-imsemmija stimi kellu jiġi ntavolat sat-23 ta' Novembru 2020, bil-konsegwenza li l-appell odjern, ippreżentat fis-26 ta' Novembru 2020, huwa tardiv u per konsegwenza rritu u null.

Dan il-fatt ġie rikonoxxut mir-Rikorrent stess tant li fin-Nota Responsiva[14] tiegħu jissottometti li *rigward in-notifika lill-esponenti ta' l-erba' 'Stimi ta' VAT', tenut kont tal-"Advice of Receipt" preżentat mill-appellat, liema dokument jindika li fl-24 ta' Ottubru 2020 Matthias Cortis, iben l-appellant ħa f'idejh dawn id-dokumenti, tad-dokument Track your item u tax-xhieda ta' l-uffiċjal tal-Maltapost Carmen Scerri Lautier mogħtija fl-aħħar seduta tat-3 ta' Mejju 2022, jidher* ***illi dawn l-erba' stimi ġew verament notifikati lill-appellant fl-24 ta' Ottubru 2020 u b'hekk gjaladarba r-rikors ta' l-appell ġie preżentat fis-26 ta' Novembru 2020, jidher li l-eċċezzjoni ta' l-appellat tat-tardività tar-rikors u konsegwenti rritwalità u nullità tar-rikors in toto hija ben sostnuta[15].***

Fid-dawl ta' dak kollu osservat jirriżulta li l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrent hija ġustifikata u b'hekk jistħoqq li tiġi milqugħa. B'konsegwenza ta' dan it-Tribunal neċessarjament għandu jastjeni milli jieħu konjizzjoni ta' l-appell tar-Rikorrent fil-mertu.

Nonostante dak appena konkluż però t-Tribunal iħoss li għandu josserva li fid-dawl tan-Nota tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentata fit-12 ta' Jannar 2023[16], l-istess

---

[14] Fol. 103 u 104 tal-proċess.
[15] Enfasi tat-Tribunal.
[16] Fol. 110 u 111 tal-proċess.

Kummissarju llum għandu pretensjoni fil-konfront tar-Rikorrent **biss** in kwantu rigwarda l-istima għall-perijodu ta' taxxa 01.10.18-31.12.18 u b'hekk għall-valur ta' **€3,765.28**, stante li kif ammess mill-istess Kummissarju l-ammonti pretiżi bl-istimi maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-31.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 già tħallsu fl-intier tagħhom mill-istess Rikorrent. Għaldaqstant, it-Tribunal jagħmel rakkomandazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex minkejja d-deċiżjoni li l-appell tar-Rikorrent - liema appell huwa wkoll mill-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-31.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 - huwa tardiv, il-pagament ta' l-ammonti pretiżi bl-imsemmija stimi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-31.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19 già effettwat mir-Rikorrent ma jiġix injorat u konsegwentement jistieden lill-Kummissarju tat-Taxxi biex ma jibqax jinsisti fuq il-ħlas ta' l-istimi għall-perijodi ta' taxxa 01.07.18-31.09.18, 01.01.19-31.03.19 u 01.04.19-30.06.19.

Għal dawn ir-raġunijiet, iżda bla preġudizzju għar-rakkomandazzjoni u stedina hawn appena magħmula lill-Kummissarju tat-Taxxi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-eċċezzjoni tat-tardività ta' l-appell tar-Rikorrent sollevata mill-istess Kummissarju tat-Taxxi u konsegwentement jiddikjara li dan l-appell huwa rritu u null.

B'konsegwenza ta' dan it-Tribunal jastejni milli jieħu konjizzjoni ta' l-appell tar-Rikorrent fil-mertu.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

Ai termini tal-Partita 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**